MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 1001/2007

**Joseph Psaila (I.D. 0488749M)**

**vs**

**Anna Grech Sant (I.D. 0419750M) u**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601)**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors guramentat tar-rikorrenti Joseph Psaila tas-27 ta'Settembru 2007, li jaqra hekk :

1. *Illi fis-27 t'April 2006, fi Triq Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar, sehh incident bejn il-vettura registrata bhala TAX – 144 misjuqa mill-konvenuta Anna Grech Sant u assigurata mis-socjeta' assiguratrici konvenuta, u l-vettura registrata bhala FBE-347 misjuqa mill-attur, meta l-konvenuta harget minn triq sekondarja u waqfet f'nofs triq principali; kif jirrizulta mill-*anness Insurance Road Accident *Report, Dok. JP1;*

2. *Illi ghalhekk tali incident sehh esklussivament b'rizultat ta' nuqqas ta' hila, traskuragni u ksur tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta, li ghaldaqstant tahti esklussivamnet ghall-istess incident, tant illi s-socjeta' assiguratrici konvenuta*

*accettat ir-responsabilita' ghall-incident u hallset sa issa d-danni sofferiti fil-vettura FBE-347;*

3. *Illi bhala rizultat ta'l-istess incident, l-attur inkorra danni u dizabilita' ta' natura permanenti fil-persuna tieghu, liema danni s-socjeta' assiguratrici konvenuta debitament interpellata irrifjutat li tirrikonoxxi, tillikwida u thallas;*

4. *Illi l-esponenti jikkonferma li jaf bil-fatti hawn elenkati personalment, u li ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

***Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u oppportuna :***

i. *Tiddikjara lil-konvenuti solidalment responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta' l-incident li sehh fis-27 ta' April 2006, fi Triq Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, bejn il-vettura registrata bhala TAX-144 misjuqa mill-konvenuta Anna Grech Sant, u l-vettura bhala FBE-347 misjuqa mill-attur;*

ii. *Tiddikjara li tali danni jikkonsistu, oltre ga tranzatti f'dawk id-danni ta' natura personali li ser jirrizultaw matul is-smiegh tal-kawza occorrendo permezz ta' esperti medici nominandi u tillikwida tali danni;*

iii. *Tikkundanna lill-konvenuti, individwalment jew in solidum bejniethom jew lil min minnhom ghall-hlas tad-danni hekk likwidati*

*Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez legali bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi u bl-ingunzjoni minn issa tal-konvenuta u tar-raprezentanti tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati kollha tas-26 t' Ottubru 2007 li taqra hekk :

1. *"Atlas Insurance PCC Limited hija 1-assikuratur tal-vettura Nru. TAX- 144 li waqt l-incident mertu ta' din il-kawza kienet qed tinsaq mill-intimata Anna Grech Sant. Din 1-intimata ghamlet claim dwar I-incident de quo u iddelegat lil Atlas Insurance PCC Limited sabiex tittratta kull kwistjoni relatata mal-incident. Ir-responsabilita' tal-istess Anna Grech Sant ghall-incident kienet accettata u Atlas Insurance PCC Limited kienet inkarikata sabiex tittratta l-kwistjoni tad-danni tar-rikorrent (kif jirrikonoxxi 1-istess rikorrent fit-tieni paragrafu tar-rikors mahluf tieghu). Qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti ta Anna Grech Sant jew ta' Atlas Insurance PCC Limited sabiex favur ir-rikorrent jigu likwidati u jekk ikun il-kaz isir eventwali hlas tad-danni minnu attwalment u materjalment subiti bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Dan jixhed ghalih ir-rikorrent innifsu meta fit-tielet paragrafu tar-rikors tieghu jafferma li **qabel** saret din il-kawza huwa thallas id-danni li garrab fil-vettura Nru. FBE-347 propjeta' tieghu.*

2. *Dwar 1-allegata dizabilita' permanenti tar-rikorrent, kien hemm kuntatti bejn Atlas Insurance PCC Limited u r-rikorrent permezz tal-avukat tieghu. Ir-rikorrent accetta li jkun invistat minn Mr. Frederick Zammit Maempel MD FRCS wara talba ta' Atlas Insurance PCC Limited. Mr. Zammit Maempel iccertifika li kawza tal-incident, ir-rikorrent ma kien garrab ebda dizabilita' permanenti* ***(DOK.ZM1).*** *L-istess* ***DOK.JPI****. esebit mir-rikorrent innifsu jikkonferma li huwa sofra griehi hfief.*

3. *Fl-isfond tal-premess, jispetta lir-rikorrent li fl-ewwel lok jipprova n-natura tad-danni tieghu u fit-tieni lok jirreklama dawk id-danni lilu spettanti skond il-ligi taghna. Minkejja d-disponibilita' ta' Atlas Insurance PCC Limited,* ***qabel*** *il-kaz spicca l-Qorti, ma kienx hemm prova sodisfacjenti tad-danni li r-rikorrenti attwalment u materjalment garrab bhala konsegwenza tal-incident in kwistjoni;*

4. *Fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m'ghandhomx ibatu l-ispejjez gudizzjarji. Kien ir-rikorrent li intavola din il-kawza nutilment ghaliex ippretenda li jithallas Danni*

*ghal "lucrum cessans" meta kawza tal-incident ma kien garrab ebda debilita' permanenti. Ghalhekk kwalsiasi spejjes gudizzjarji ghandhom jibqghu a kariku tar-rikorrenti."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tas-27 ta' Novembru 2007 li bih innominat l-Espert Mediku Mr. Charles Griscti (a fol.27);

Rat il-verbal tad-9 ta' Jannar 2008 (a fol. 43) illi bih giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli ;

Rat id-digriet tad-9 ta' Jannar 2008 (a fol. 45) illi bih gie nominata l-Perit Mediku Mr. Ivan Espositu ;

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru 2008 (a fol. 88) illi bih gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri ;

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru 2008 (a fol. 88) illi bih gie nominat l-Espert Mediku Mr. Charles Griscti minflok Mr. Ivan Esposito ;

Rat il-verbal tal-11 ta' Marzu 2009 (a fol. 91 et seq) illi bih gie revokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u gie nominat bhala Perit Legali Dr. Stefano Filetti;

Rat ir-rapport Mediku maghmul mill-Kirurgu Mr. Charles Griscti prezentat fis-19 ta' Novembru 2008 (a fol. 100 et seq.);

Rat il-kopja originali tal-file mediku ta' Joseph Psaila li gie prezentat fis-27 ta'Settembru 2011 ( a fol. 116 et seq.);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr, Stefano Filletti prezentata fit-28 ta' Novembru 2012 u mahlufa fit-28 ta' Jannar 2013;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Joseph Psaila tal-11 ta' Gunju 2013;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati Anna Grech Sant u Atlas Insurance PLC Limited tat-30 t’Awwissu 2013;

Rat-in-nota ta’ referenzi ta’ Joseph Psaila tal-25 ta’ Novembru 2013;

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Fl-affidavit tieghu, l-attur **Joseph Psaila,** xehed li nhar is-27 ta’ April 2006, kien qieghed isuq il-vettura nru. FBE-347 ta’ l-ghamla Skoda Favorit fuq il-*Coast Road* fid-direzzjoni ta’ Bahar ic-Caghaq. Kif avvicina t-triq li taghti ghal-Madliena, fejn illum hemm *speed camera,* huwa nnota vettura niezla lejn l-*istop sign*. Dehret li qed tnaqqas il-velocita’ izda meta huwa wasal ftit metri ‘l boghod, din l-istess vettura f’daqqa wahda ziedet il-velocita’ u harget quddiemu.

Spjega illi hu ghafas il-brake u gibed lejn il-lemin biex jipprova jevita l-habta, imma minkejja dan, xorta sehh l-impatt. Bid-daqqa, l-vettura tieghu waqfet kemmxejn lejn il-lemin filwaqt li l-vettura l-ohra bid-daqqa daret u giet thares l-isfel. Xehed illi huwa baqgha jaghfas il-brake b’mod illi l-vettura tieghu waqfet immedjatament mentri l-vettura l-ohra baqghet niezla xi metri fid-direzzjoni ta’ Bahar ic-Caghaq qabel ma s-sewwieqa taghha zammet il-*brake*.

Dak il-hin tal-habta hass ugigh f’sidru, ghonqu u saqajh izda baqa’ f’sensih. Hareg mill-vettura u saqsa lis-sewwieq l-ohra wegghetx. Hija wiegbet li kellha gundalla f’rasha ghaliex habtitha mal-hgiega jew pilastru tan-naha taghha. Huwa cempel lil gwardjani lokali li dderigewh icempel lill-pulizija. Il-pulizija nfurmawh li ladarba ma kienx hemm dmija kellu jcempel lill-*wardens*. Huwa rega’ cempel lill-*wardens* li meta gew fuq il-post regghu insistew li dan kien kaz ta’ pulizija u ambulanza. Wara xi siegha attendew il-pulizija. Psaila xehed li jaqbel mar-rapport u *sketch* tal-pulizija, ghalkemm il-pulizija ma hadux nota tal-*brake marks* tieghu li kienu xi tnejn jew tliet metri twal u ma hadux nota tad-debris.

Xehed li meta wasal l-isptar St.Luke's dewwewlu idejh it-tnejn li b'xi mod mad-daqqa ngirfu, kif ukoll saqajh it-tnejn li kienu mbenglin mill-irkobba sa nofs il-qasba ta' siequ. L-ikbar ugigh li kellu pero' kien f'sidru u f'ghonqu, li sakemm wasal l-isptar beda jizdied bil-mod. F'sidru kellu tbengil fejn kellu s-*safetybelt* mentri f'ghoqnu kellu sintomi ta' *whiplash*. Hadulu l-X *rays* u qalulu li ma kien qieghed jirrizulta xejn u li pero' dan kien normali ghaliex f'kazijiet ta' whiplash is-sintomi normalment idumu jumejn jew tlieta, jew anke iktar biex johorgu. L-isptar tawh kullar u qalulu jilbsu bil-lejl ghal-tlett xhur biex ma jaghmilx hsara waqt li jdur x'hin ikun rieqed. Gie dimess u kif qalulu, l-ugigh zdied bil-mod u nfirex ma' spallejh**.** Qabel l-incident huwa kien diga' jmur ghand *chiropractor,* Mr. Stephen Zammit, minhabba li kien ihoss *discomfort* f'dahru meta jqum. Mr. Zammit kien ghamel dianjozi ta' bidu ta' artrite, pero', bis-sahha ta' kors ta' massaggi, kien marlu ghal kollox. Fi zmien l-incident kien ghadu jmur darba fix-xahar sabiex ma jirkadix, pero jghid li ma kellux sintomi kronici jew akuti. L-ghada ta' l-incident mar ghand Mr. Zammit b'ugigh akut, f'ghonqu, spallejh u sidru. Mr. Zammit qallu li ugigh f'sidru kien aktarx kkawzat mit-tbengil tas-*safety belt* li biz-zmien imur, imma li aktarx ghoqnu kien ser jiggrava sakemm johrogu s-sintomi tal-*whiplash*. Huwa dakinhar ma tahx massagg pero qallu jibda jmur aktar spiss sabiex jimmoniterjah.

Spjega kif wara xi xaharejn l-ugigh f'sidru ghaddielu ghal kollox, pero' l-ugigh f'ghonqu baqa' jizdied u jiggrava fuq medda ta' xahrejn jew tlieta. Xehed illi baqa' jmur ghall-kura u wara l-ewwel tlett xhur beda jmur harira ahjar pero baqa' jbati sal-lum. Qal li l-aghar sintomi li qed ibati huma s-segwenti:

(i) meta jmur biex jitbaxxa ftit mill-ewwel ifaqqa' ghonqu u jillokja, u xhin jerga' jiddritta jerga' jfaqqa';

(ii) qed ibati biex jorqod u kellu jixtri mhadda specjali

(iii) x'hin jigi biex jaqra, jikteb jew jahdem fuq il-computer jew b'idejh ma jissaportix bl-ugigh u jkollu jieqaf u jiddritta

(iv) ma jistax idum bil-qieghda hafna ghax jibda l-ugigh

(v) minbarra l-massaggi mensili li kien imur ghalihom qabel l-incident, qed ikun hemm xhur fejn l-ugigh ikun hafna aktar akut u jkollu jmur anki darbtejn fil-gimgha sakemm ibatti ftit.

Xehed li wara l-incident ha hamest ijiem *sick leave* u rega' beda jmur ghax-xoghol, pero' beda jbati wisq biex ikompli. Dak iz-zmien kien jahdem ta' *check-in clerk* ma' l-Air Malta u l-paga tieghu kienet ta' circa Lm 6500 fis-sena, li bl-*overtime, allowances*, *Sunday and holiday premia*, kienet titla' ghal circa Lm 7,800. Ix-xoghol tieghu kien jirrekjedi sieghat bilqieghda u anke li okkazjonalment iqandel xi bagalji sakemm taqbad il-*conveyor belt*. Wara l-incident waqaf iqandel l-bagalji u ghamel lment illi s-siggijiet ma kienux f'kondizzjoni tajba. Harget skema ta' pre-pensjonament u minhabba s-sitwazzjoni tieghu ddecieda li jaccetta l-early retrirement. Ha somma ta' LM10,500 u beda jirregistra bhala Category 2 minghajr beneficcji u wara sitt xhur gie meqlub ghal Category 1, fejn ghamel 154 gurnata jiehu LM 16.68 fil-gimgha. Mit-13 ta' Ottubru tas-sena 2007, dan il-beneficcju waqaf. Ta' l-ETC tawh kors sabiex jghinuh isib impjieg, izda ma nqalghet ebda opportunita' ta' xoghol. Kien inghata l-parir li jibqa' jhallas l-bolla sabiex ma jirriskjax li ma jiehux pensjoni shiha. Qal li finanzjarjament ma qabillux johrog b'*early retirement scheme* ghax din bil-kemm tkopri sentejn paga imma kellu jaccetta minhabba l-problemi medici tieghu.

Huwa beda kwazi mal-ewwel jitkellem ma' l-insurance ta' Mrs. Grech Sant li mal-ewwel accettaw it-tort, offrewlu LM425 ghall-vettura tieghu peress li ddecidew li kienet *total loss* u riedu jnaqqsu r-*wreck value* izda hu oppona u accettaw li jaghtuh LM425 minghajr tnaqqis. Jghid li dwar id-danni f'persuntu huma approfittaw ruhhom mill-fatt li huwa kien iddikjara mill-ewwel li kellu bidu ta' artrite qabel l-incident. Huma qalulu li biz-zmien kellu jerga' jigi lura ghal li kien, izda dan ma sehhx. Sostna illi huma qed japprofittaw ruhhom mill-fatt li huwa difficli li wiehed jistabilixxi jekk l-artrite tieghu kienitx ser taggrava minghajr l-incident u sa liema grad. Iddikjara li sa dak iz-zmien l-artrite tieghu kienet stabbli u taht kontroll ta' massaggi mensili u ma kienitx qed taghtih problemi, mentri llum bl-istess massaggi l-ugigh huwa xi haga ta' kuljum.

Xehed illi l-ahhar sena li hadem ma' l-Air Malta kienet is-sena 2006. Meta x-xhud kien ghadu mpjegat ma' l-Air Malta, il-baggage limits kienu:

1. 20 kilos massimu ghall-passiggier minghajr obbligu ta' hlas *overweight*;
2. 33 kilos kien il-massimu permissibli bl-*overweight*

Xehed illi qabel ma dahlu fis-sehh dawn ir-regoli, u qabel ma sehh l-incident, kien hemm okkazjonijiet fejn kellu jiehu bagalji itqal. Psaila iddikjara illi l-limiti fuq il-bagalji kienu gew

imposti bejn iz-zmien ta' l-incident u t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu, u cjoe' perjodu ta' madwar sitt (6) xhur.

Joseph Psaila kien iqandel il-bagalji meta kienu jehlu fil-*conveyor belts*. Psaila ma kellux *assistant* jew ghajnuna biex iqandel il-bagalji.

**Antonia Baptista** fl-affidavit taghha xehdet li kienet ilha taf lil Joseph Psaila tnax-il sena u li qabel l-incident hajjritu jikkonsulta l-*chiropractor* taghha, Stephen Zammit ghaliex kien qed ikollu *discomfort* hafif f'dahru meta jqum. Mr. Zammit ghamel dianjosi ta' bidu ta' artrite. L-attur kien beda jmur ghall-massaggi ghand Mr. Zammit, u dan id-*discomfort* kien sparixxa ghal kollox. Meta sehh l-incident, l-attur cemplilha u hija marret fuq il-post qabel ma waslu l-pulizija u l-ambulanza. Tghid li hi rat *brakemarks* wara l-karozza ta' l-attur li kienu twal circa 2 metri jew 3, u rat ukoll frak u debris tal-karozzi li kienu kollha fuq il-karreggjata tax-xellug. Ix-xhud ikkonfermat is-sintomi elenkati mill-attur fl-affidavit tieghu ghax kienet ratu ibati bihom ta' kuljum.

**Dr. Stephen Zammit** xehed illi hu jippratika bhala *chiropractor*, u li kellu licenzja sabiex jippratika gewwa l-Amerika (gewwa California u Colorado), u li ilu jippratika hawn Malta ghal tnax-il sena (fid-data tas-seduta mizmuma fis-sena 2008).

Zammit spjega li qabel l-incident tas-27 ta' April 2006, il-pazjent, u cjoe' l-attur, kien mar ghandu ghaliex kellu xi problemi ta' mobilita', partikolarment fil-parti ta' nofs ta' daru u s-sinsla, specifikament is-*cervical spine* u l-*lumber spine.*

Wara l-incident, l-attur kien mar ghandu, kien qieghed isofri minn ugigh fis-sinsla, fil-parti ta' spallejh ix-xellugija. Zammit spjega li s-soltu, dan it-tip ta' ugigh huwa kkagunat minhabba r-restrizzjonijiet ta' *seat belt* meta wiehed ikun involut f'incident ta' traffiku. Dan it-tip ta' hsara tipikament jikkaguna hsara fis-*soft tissue*, u huwa maghruf bhala *whiplash*. *Whiplash* huwa kkagunat meta jkun hemm decelerazzjoni rapida, u l-accelerazzjoni tas-sinsla. Hsara tas-*soft tissue* ma jidirx fuq *X-Ray*, ghaliex *X-Rays* juru hsara ta' *bony tissues*. Ghalhekk f'din is-sitwazzjoni *X-Ray* ma tistax turi n-natura jew is-severita' tal-hsara.

Ix-xhud iddikjara illi sussegwentment ghall-incident, l-attur ircieva l-kura konsistenti fis-segwenti:

1. *manipulation of the cervical and lumbar spine* – dan isir sabiex jallinjaw il-ksur korrettament, u ghalhekk meta jfiequ l-*ligaments,* il-*vertebrae* u l-*ligaments* jfiequ fil-posizzjoni korretta;
2. *ultrasound* – dan huwa wzat bhala kura tas-*soft tissue* li jista' jkun irritat, u li jghin sabiex is-*soft tissue* jifforma korrettament;
3. ezercizzji specifici li beda jaghmel l-attur wara seba' (7) xhur.

Zammit spjega illi l-attur kien mar ghall-aghar. Xehed illi l-attur kellu ugigh fis-*cervical spine*. F'dan it-tip ta' hsara fis-*soft tissues*, il-progress tal-pazjent huwa lent hafna. Bil-kura, kien hemm cans li s-sitwazzjoni ta' l-attur titjieb, pero' minhabba li qabel l-incident l-attur kellu problemi ta' mobilita', ma kienx mistenni li l-attur jfieq kompletament.

Zammit ikkonferma illi l-ahhar darba li kien ezamina lill-attur kien fit-28 ta' Marzu 2008, u cjoe' gimgha qabel is-seduta li fiha kien ddepona. Zammit spjega illi fit-28 ta' Marzu 2008, l-attur kien indika li kellu sintomi simili ghal dawk li kellu qabel l-incident, pero' seta' jmur ghall-aghar biss minhabba l-artrite. Il-kura setghet tipprovdi xi mizura ta' ghajnuna fl-ugigh, pero' s-sitwazzjoni ta' l-attur ma kienitx ser ittejjeb is-sitwazzjoni tieghu ghaliex kien ser ikollu xi tip ta' skumdita' tul hajtu kollha.

Zammit spjega illi qabel l-incident, l-attur kellu skonfort perjodiku li kien jemergi kull xahrejn jew tlett xhur, u presentement l-attur qieghed jesperjenza skumdita' b'mod aktar regolari, u dan kien jiddependi minn hafna fatturi, bhal, ir-rutina tieghu ta' kuljum u d-doza tal-medicina li jkun qed jiehu.

Zammit ma kienx familjari ma' percentaggi ta' dizabbilita', u kif jigu kalkolati fl-Ewropa, pero' seta' jindika, li fuq bazi ta' percentagg, il-mobilta' tas-sinsla ta' l-attur, wara l-incident kienet annormali bi 20%, pero' fid-data ta' l-incident probabbilment kien annormali bi 10%.

In kontro-ezami Zammit spjega illi huwa ma kienx tabib mediku, izda kien *chiropractor*. Huwa iddikjara illi qabel l-incident ta' April tas-sena 2006, l-attur kien mar ghandu ghall-kura xi disa' (9) darbiet, u ghalhekk kien imur ghandu regolarment. Fir-rigward tal-kura qabel u wara l-incident, Zammit spjega li l-kura kienet l-istess. Zammit ma setax jeskludi li qabel l-incident l-attur kellu forma ta' artrite.

Mistoqsi dwar il-percentagg ta' dizabilita' ta' l-attur, ix-xhud iddikjara illi hu ma kienx kwalifikat sabiex jasal ghal din il-konkluzjoni, pero' l-percentaggi ta' 20% u 10% li ghamel riferenza ghalihom fir-rapport, **kienu jiriflettu r-restrizzjoni ta' moviment tas-sinsla ta' l-attur u cioe' 10% qabel l-incident, u ta' 20% wara l-incident.**

In ri-ezami, Zammit spjega illi qabel l-incident l-attur kien isofri minn ugigh f'partijiet differenti tas-sinsla. Dwar l-artrite, Zammit ma setax jiddikjara b'mod inekwivoku jekk l-artrite ta' l-attur aggravatx ruhha wara l-incident.

Zammit ikkjarifika illi wara l-incident hu ma giex supplit b'certifikati medici ta' l-attur, u ghalhekk kellu jiddependi fuq l-ezaminazzjoni li ezegwizza fuq l-attur, u fuq il-fatti ta' l-incident kif iddikjarati mill-attur. L-attur ma tah ebda suggerimenti mill-Isptar St. Luke's dwar kura. Dwar l-incident Zammit iddikjara illi kull ma qallu l-attur kien dwar kif sehh l-incident.

**Mr. Charles Griscti, espert mediku nominat mill-Qorti,** ipprezenta rapport fejn iddikjara illi l-attur kien ilmenta minn eghbusija f'ghonqu meta jzomm ghonqu mghawweg, bhal meta jaqra. L-attur stqarr illi qatt ma kien hass dan l-ugigh qabel. L-attur hass ugigh fin-naha tan-nofs tas-sinsla tad-dahar meta kien jitbaxxa 'l quddiem, u dan kien bejn xaghrejn u tlett xhur wara l-incident. L-espert iddikjara illi ezamina lill-attur fit-28 ta' April 2008, f'liema ezaminazzjoni l-attur kien zamm ghonqu f'posizzjoni tajba. L-espert stqarr illi l-attur seta' jitharrek fil-posizzjonijiet kollha, **izda b'limitazzjoni ta' 30% minn normal fil-moviment** meta' jghawweg ghonqu lagemba biex iqarreb il-widna lejn l-ispalla, kemm ghal-lemin, kif ukoll ghax-xellug.

L-espert iddikjara illi s-sistema newrologika tal-ghonq kienet normali, u meta l-espert ghafas is-sinsla ta' l-ghonq ta' l-attur ma kien hemm l-ebda ugigh. Is-sinsla torako-lumbari kellha l-movimenti mehtiega, u l-attur ma kellu ebda ugigh meta ghafas din is-sinsla.

L-espert iddikjara illi l-*X Ray* tas-sinsla cervikali mehud fis-26 ta' Mejju 2006 wera *chronic discopathy* C5/6/7, u *changes in the lower four cervical vertebrae.* L-espert zied jghid li ma rnexxilux isib l-*x rays* li ttiehdu dakinhar ta' l-incident fl-Isptar San Luqa.

L-espert ikkonkluda billi qal illi l-attur sofra skoss f'ghonqu meta kien involut fil-habta ma' karozza ohra fis-27 ta' April 2006. Spjega li mal-habta l-ghonq gie sfurzat 'l quddiem, imbaghad lura. Dan ikkaguna sforz fil-ligamenti ta' l-ghonq li ngibdu ma' dan il-moviment sfurzat. Zied ukoll illi l-attur kellu problemi f'ghonqu qabel l-incident, u fil-fatt kien imur ghand *chiropractor*. L-espert hawnhekk ghamel riferenza ghal *x-rays* ta' ghonqu li gew mehuda fis-27 ta' Mejju 2007, fejn gie rrapurtat illi kien hemm kambjamenti kronici fid-*discs* bejn il-hames, is-sitt u s-seba' rukkel ta' l-ghonq, kif ukoll artrite fl-ahhar erba' rkiekel ta' l-istess ghonq.

Ghaldaqstant, l-espert iddikjara illi l-attur, bl-incident *de quo* sofra aggravazzjoni tal-kundizzjoni li diga' kienet ezistenti f'ghonqu, u cjoe' l-kundizzjoni ta' digenerazzjoni tad-*discs* ta' ghonqu u artrite f'ghonqu.

L-espert ikkonsidra li l-istima ta' dizabilita' li qieghed isofri l-attur minhabba l-incident huwa dak ta' tlieta fil-mija (3%).

L-espert xehed ulterjorment, u qal illi l-attur diga' kellu kundizzjoni ezistenti fl-ghonq li setghet taffetwah fil-moviment tat-tqandil tal-bagalji, pero' ma kienx jaf kemm kienet pre-ezistenti. Mr Griscti xehed illi l-kundizzjoni tal-attur kienet ghadha tapplika u giet riflessa fil-konkluzjonijiet tieghu fir-rapport. Spjega kif kien hemm aggravazzjoni fil-kundizzjoni pre-ezistenti fl-ghonq qabel l-incident, u li ghaliha x-xhud tah 3% dizabilita'. Ix-xhud ikkonferma illi d-debilita' ta' l-attur kienet taffetwah kif kienet taffetwah qabel f'sitwazzjonijiet fejn l-attur kellu izomm rasu baxxuta ghal hin twil, jew meta kien jitbaxxa ghall-affarijiet, jew meta kien iqandel xi affarijiet tqal.

Il-Kirurgu Griscti iddikjara illi ma kienx impossibbli ghall-attur izomm ix-xoghol tieghu. Xehed illi l-attur seta' jbiddel il-posizzjoni tar-ras kull ghoxrin (20) minuta, u flok jixxabbat, l-attur seta' jinzel livell ta' l-oggett. Dwar tqandil, ix-xhud spjega illi ma setghax iqandel affarijiet tqal. Fil-fatt, l-espert Griscti illi l-attur kellu l-kapacita' jerfa' mhux aktar minn 20 kilo wahdu biex ma jsirlux dannu f'ghonqu. Huwa ikkonferma wkoll illi l-kondizzjoni tal-artrite fl-irkiekel tirreferi ukoll ghall-irkiekel fl-ghonq.

**Mr. Charles Griscti, in eskussjoni,** ikkonferma illi waqt li kien qieghed jezamina l-attur fis-26 ta' Mejju 2006, kien ezamina r-rapport tar-radjologista ta' l-Isptar San Luqa li wera artrite

fl-ahhar erba’ rkiekel tas-sinsla cervikali, kif ukoll *discopathy* kronika bejn il-hames u s-sitt, u s-sitt u s-seba’ rukkel.

Griscti ikkjarifika illi hu ra r-rapport tar-radjologista u mhux l-*X-rays* originali ghaliex meta dahal biex jara l-*X-rays* originali l-Isptar San Luqa, kienu qalulu li dawn ma setghux jigu rintraccati.

Il-kirurgu Griscti spjega illi *chronic discopathy* huwa *disc degeneration* jew minhabba trawma jew minhabba zmien. L-espert ikkonferma illi kien l-attur stess li kien qallu li kien ibati minn ugigh f’ghonqu, u li kien imur ghand *chiropractor.*

L-espert iddikjara illi bhala fatt, qabel ma sehh l-incident, l-attur kellu l-artrite kif ukoll *discopathy* f’ghonqu bhala kundizzjonijiet medici.

Fl-ezami klinika li kkonduca x-xhud irrizulta illi l-attur kellu limitazzjoni ta’ 30% tal-moviment normali, pero’ spjega illi din il-limitazzjoni kienet wahda moderata.

Ix-xhud ikkonferma illi l-artrite u l-kondizzjoni tad-*discopathy* it-tnejn jillimitaw il-moviment ta’ l-ghonq, pero’ **ma setax jeskludi li l-incident aggrava din il-limitazzjoni**. Spjega li qabel l-incident l-attur kellu limitazzjoni tal-moviment ta’ l-ghonq, u li din il-limitazzjoni kienet fil-moviment laterali fuq iz-zewg nahat.

Il-kirurgu Griscti iddikjara illi meta ezamina lill-attur fit-28 ta’ April 2008 ghall-fini tar-rapport, **waqt l-ezami ma kien hemm ebda sinjal ta’ nerv maqrus.**

Ikkjarifika illi dwar l-artrite ta’ l-attur, wiehed ried jezamina l-*X-rays* sabiex jara l-estent taghha, u li dan ma sarx ghar-raguni fuq spjegata.

Charles Griscti, mistoqsi jikkumenta dwar jekk ikkostatax evidenza ta’ griehi godda rizultat ta’ l-incident, irrisponda li seta’ jaghmel dan biss billi jara l-*X-ray*. **Ix-xhud pero’ ikkummenta fuq il-fatt li jekk kien hemm tali evidenza, r-radjologista kien jindikaha fir-rapport tieghu, u ghalhekk seta’ jikkonkludi li ma kienx hemm tali evidenza ghaliex ma giex indikat fir-rapport. Ir-radjologista kien ikkumenta biss fuq is-stat ta’ degenerazzjoni tas-sinsla u tad-*discs* ta’ l-attur.**

Griscti ippremetta illi waqt l-incident l-attur sofra *forced flexion/extension injury*, jigifieri rasu giet sfurzata lura u 'l quddiem fuq sinsla li diga' kienet afflitta bl-artrite.

Huwa ikkonferma li meta jsir hsara fid-*discs* f'dawn ic-cirkostanzi, dan mhux bilfors jirrizulta fi ksur tad-*discs*. Lanqas ma kien l-kaz li wiehed jinnota xi hsara fuq l-*X-rays*, minkejja l-hsara li tkun saret.

L-espert Griscti stqarr illi il-konkluzjonijiet hejjihom fuq l-informazzjoni u l-istorja li qallu l-attur, l-ezami kliniku, u r-rapport tar-radjologista. Kien tal-fehma illi l-incident aggrava l-kundizzjoni ta' l-attur u l-limitazzjonijiet pre-ezistenti, pero' ma setax jaccerta l-livell ta' limitazzjoni pre-ezistenti ghaliex ix-xhud ma ezaminax lill-attur qabel l-incident.

**Ronald Cassar Giacomotto, rapprezentant ta' Air Malta plc,** xehed illi l-*baggage limit* li kellha l-kumpannija Air Malta plc fis-sena 2006, kienet dik ta' 20 kilo ghall-Economy Class, u 30 kilo ghal Business Class. Iddikjara illi dan huwa l-*free weight*. Ikkonferma illi ma kienx hemm limitu ghall-*overweight*, li pero', kull *item* ma setghetx teccedi 32 kilo. Dan il-limitu kien wiehed impost ghal fini ta' Health and Safety. Ma setghax jikkonferma jekk dawn il-limiti kienux japplikaw tul is-sena 2008, jew bl-implimentazzjoni tal-Health and Safety Act. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-limitu ta' 32 kilo hija standard internazzjonali.

**Rita Taylor-East, rapprezentanta ta' Air Malta plc,** ikkonfermat illi hi ghandha l-inkarigu ta' Section Head Policy, fid-dipartiment tal-Human Resources fi hdan is-socjeta' Air Malta. Xhedet illi da parti tas-Section taghha, fil-*personal file* u fis-*sickness file* ta' l-attur ma sabu ebda rikjesta tal-attur ghall-assistenza jew sabiex jigi assenjat *lighter duties*.

Fuq is-sistema ta' l-*appraisals* ghas-sena 2006, ix-xhud ikkonfermat illi din kienet sistema relatata biss mal-*performance* li jeskludi minnu kull kwistjoni ta' mard jew *injury*. Ikkonfermat ukoll illi mill-*file* ta' l-attur ma rrizultax li kien mwegga'. Kull ma rrizultalhom kienu erba' (4) certifikati ta' mard **Doks. RTE1-RTE4**, fejn f'wiehed mic-certifikati saret riferenza ghal incident awtomobilistiku.

Ix-xhud ikkonfermat illi jekk impjegat waqt *appraisal* jinforma lill-ufficjali li kien mweggha, din ma titnizzilx fl-*appraisal form* peress li hija rrelevanti. L-unika raguni ghalfejn ghandha

titnizzel huwa jekk din l-*injury* taffetwa direttament il-*performance* ta' l-impjegat. Ix-xhud iddikjarat illi f'dan il-kaz ma ratx *appraisal forms*. Iddikjarat ukoll illi fejn impjegat ikun weggha u jkun irid jaghmel talba lill-kumpannija a bazi tal-marda jew kundizzjoni, irid japplika skond procedura partikolari, **u din titnizzel fis-*sickness file*.** Rita Taylor East ikkonfermat illi fis-*sickness file* ma sabet ebda talba jew procedura f'dan is-sens. Ix-xhud spjegat illi l-*appraisal* ssir quddiem kull impjegat u tkun iffirmata sia mill-impjegat u sia minn ufficjal ta' l-Airmalta, u ghalhekk wara li tkun iffirmata din il-formola, ma tistax tigi emendata.

In kontro-ezami x-xhud ikkonfermat illi ezebiet ic-certifikati medici kollha li sabet ghas-sena 2006, u iddikjarat ukoll illi f'Ottubru 2006 l-attur ha *voluntary redundancy*.

Rita Taylor East iddikjarat illi s-*Staff Appraisal Report* ta' l-attur (li pprezentat u gie mmarkat bhala Dok. RTE 1) sar fid-29 ta' Settembru 2006 mid-dipartiment li fih kien jahdem l-attur dak iz-zmien. Ix-xhud ikkonfermat illi f'dan l-*appraisal* ma kien hemm l-ebda rimarki dwar xi *injuries* jew jekk l-attur seta' jew ma setax ikompli fuq ix-xoghol.

**Mr. Frederick Zammit-Maempel**, ikkonferma illi hu gie mahtur mis-socjeta' assikurattrici Atlas Insurance sabiex jezamina lill-attur. Huwa ikkonferma li ezamina lill-attur fit-22 ta' Dicembru 2006, u hejja r-rapport fit-30 ta' Dicembru 2006, izda dan gie erronjament indikat bhala t-20 ta' Dicembru 2006. Ix-xhud ikkonferma illi r-rapport u l-kontenut ipprezentat mar-risposta cioe' Dok. ZM1.

Mr. Frederick Zammit-Maempel spjega illi meta fir-rapport jaghmel riferenza ghal 'mild restriction in neck movements in all directions' dan jikkonsisti f'artrite fl-ghonq. Spjega wkoll illi li kieku kien hemm xi nerv maqrus jew problem f'xi *disc*, il-moviment kien ikun ristrett biss f'certa direzzjonijiet u mhux f'kull direzzjoni. Ikkonferma illi l-artrite ma giex ikkawzat bl-incident, u li fil-fatt l-attur stess kien iddikjara illi kien ibaghti b'ghonqu mis-sena 2002 u li kien imur ghand *chiropractor* regolarment minhabba problem f'ghonqu.

Il-kirirgu Zammit Maempel qal illi meta jirreferi ghal 'there is no neurological defect' fir-rapport tieghu, hu ried jispjega illi ma sab ebda nuqqas li seta' kien ikkagunat minn xi nerv maqrus. Spjega illi kieku l-attur kellu nerv maqrus fid-distribuzzjoni ta' dak in-nerv, wiehed

kien ihoss ir-rifless mhux simetriku man-naha l-ohra, jew dghjufija fil-muskulu li jwassal fih in-nerv.

Mr. Frederick Zammit-Maempel iddikjara illi meta rrefera ghal *'the radiological examination reveals a chronic discopathy in the lower two disc spaces, and degenerative disease evident in the lowermost four cervical vertebrae'* hu ried jghid illi meta wiehed ghandu *chronic artrithis*, id-*discs* bejn l-irkiekel jittieklu. Huwa spjega **li f'dan il-kaz irrizulta illi bejn is-cervical vertebrae (C-5) u (C-6) u bejn (C-6) u (C-7) kien hemm mhux biss artrite qawwija, izda d-*discs* kienu digenerati wkoll.**

Il-kirurgu Zammit Maempel qal illi kollox huwa spjegat fl-*X-rays*. L-attur stess ammetta mieghu li kien ibaghti minn *chronic arthritis* minn qabel l-incident. Mr. Frederick Zammit Maempel xehed illi minn dak li ra, **ma sabx evidenza oggettiva dwar xi gerha jew lezjoni gdida kawza ta' l-incident *de quo*.** Ghaldaqstant, ikkonkluda illi ma hemmx dizabilita' attribwibbli ghal dan l-incident, pero' ddikjara illi kien jistenna illi l-ugigh li kien qieghed isofri l-attur, jerga' jirritorna ghal dak li kien qabel l-incident, bil-premessa li tul iz-zmien l-artrite tizdied.

**Mr. Frederick Zammit-Maempel spjega illi dwar l-incident u l-ezami tieghu, l-artrite jgib il-konsegwenza ta' eskrexxenza ta' l-ghadam, li jibdew jidhru bhal munqar fuq *X-ray*, u ghalhekk l-irkiekel jitqarrbu. Huwa spjega wkoll illi kien facli li bi skoss qawwi, dawn il-munqariet jinqasmu. Fil-fatt Mr. Frederick Zammit-Maempel fittex ghal tali ksur fuq l-*X-rays* ta' l-attur imma pero' ma sab xejn, u ghalhekk seta' jiddikjara illi li kieku sab ksur jew frak ta' ghadam, din kienet tkun evidenza oggettiva ta' dannu kkawzat minn dan l-incident.**

Fl-opinjoni tieghu, kieku l-attur sofra skoss kbir jew sinjifikanti, l-attur kien isofri ksur f'dawn l-eskrexxenzi. Spjega illi l-eskrexxenzi kawza ta' l-artrite ma jkunux effetwati bi skoss, u ma jikbrux jew jizdiedu bi skoss, pero' jistghu jinkisru jew ikunu fratturati bl-incident.

Mr. Frederick Zammit Maempel iddikjara illi skoss kbir jista' jaccellera l-process ta' degenerazzjoni kkawzat mill-artrite, pero' f'dan il-kaz ma rrizultax li l-iskoss li sofra l-attur kien sostanzjali, u dan minhabba r-ragunijiet suesposti.

In kontro-ezami, huwa iddikjara illi wara l-incident, l-attur infurmah illi s-sintomi f’ghonqu kienu aggravaw. Il-kirurgu Mr. Frederick Zammit Maempel iddikjara illi dan hu logiku u seta’ fil-fatt gara. Huwa spjega kif l-aggravazzjoni tkun dovuta ghall-fatt li skoss jigbed is-*soft tissues, muscles,* nervituri u gogi ohra afflitti mill-artrite.

Il-kirurgu Mr. Frederick Zammit Maempel qabel illi temporanjament l-attur sofra dizabbilita’ relattiva, u spjega illi dan huwa bhal meta tikser l-ghadma tal-koxxa u ghal perjodu ikollok dizabilita’ ta’ 100%, izda kif tghaqqad l-ghadma sew u kif suppost, id-dizabilita’ tkun 0%. Mr. Frederick Zammit Maempel, kien tal-opinjoni li qabel l-incident, l-artrite tat lill-attur, dizabbilita’ ta’ circa 5%, pero’ tmien xhur wara l-incident, meta rah, l-attur kellu dizabbilita’ ta’ l-istess ammont.

L-espert ex parte qal illi seta’ kien il-kaz, illi tul dawk it-tmien xhur, specjalment wara l-incident, dan l-ammont seta’ zdied temporanjament ghal xi 8%, u seta’ rega nizel sakemm l-attur gie invistat.

Mistoqsi kif jista’ jkun li d-dizabbilita’ rritornat lura ghan-normal meta rah il-kirurgu u fl-istess hin fil-konkluzjoni tal-kirurgu, l-attur kien ghad irid jigi lura ghan-normal, Mr. Frederick Zammit Maempel irrisponda illi l-pazjent kien qieghed jilmenta minn ugigh jew sintomi aggravati, u kien ghalhekk li hu kkonkluda b’dan il-mod. Huwa iddikjara illi oggettivament ma sab xejn barra minn loku.

Mr. Frederick Zammit-Maempel ikkonkluda li filwaqt li ma setghax jeskludi l-possibilta’ li d-daqqa li ha l-attur kienet qawwija bizzejjed biex izzid il-progress ta’ l-artrite, f’dan il-kaz ma kienx ta’ l-opinjoni li kien probabbli.

Finalment, Mr. Frederick Zammit-Maempel iddikjara illi ma qabilx mal-fatt li l-espert tal-Qorti ezamina lill-attur sentejn wara dan seta’ b’xi mod jghin lill-espert fil-konkluzjonijiet tax-xhud.

**Ikkonsidrat:**

L-attur ankra l-azzjoni tieghu fuq id-danni personali li kien qieghed isofri fuq persuntu, u talab lill-Qorti tiddikjara l-konvenuti solidament responsabbli ghall-incident, tillikwida d-danni, u tikkundanna l-konvenuti sabiex ihallsu danni hekk likwidati.

Fir-rikors guramentat ta' l-attur (*vide* fol. 8 kif ukoll fir-risposta guramentata tal-konvenuti (*vide* paragrafu wiehed tar-risposta guramentata), **il-konvenuti *ex admissis* ikkonfermaw illi ma hemmx kontestazzjoni illi kienet il-konvenuta Anna Grech Sant li kienet responsabbli ghall-incident *de quo***, u fil-fatt, **qabel** ma saret il-kawza**, l-attur thallas id-danni li garrab fil-vettura tieghu.**

Id-danni reklamati mill-attur huma ta' zewg tipi: *damnum emergens* u *lucrum cessans*.

***(i) Hlas Damnun Emergens***

L-attura sofra hsara estensiva fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni FBE-347. Hemm qbil bejn il-partijiet illi dawn il-hsarat thallsu u nghatat ircevuta. Ghalhekk din il-kwistjoni hija rizolta.

Jifdal allura l-ispejjez l-ohra li seta' nkorra l-attur, konsegwenza ta' dan l-incident. L-attur ipprezenta biss kont tal-*Chiropractor* Stephen P. Zammit ghal servizz rezi wara l-incident vide fol 39 tal-process. Dan il-kont jammonta ghal mija u wiehed disghin lira Maltin (LM 191) ekwivalenti ghall-erba' mija erbgha u erbghin Euro u wiehed u disghin centezmu (€ 444.91).

Dawn baqghu qatt ma thallsu u lanqas ma gew kontestati mill-intimati. Ghalhekk jirrizulta illi **l-ammont ta' erba' mija erbgha u erbghin Euro u wiehed u disghin centezmu (€ 444.91) ghandu jigi mhallas lill-attur mill-intimati.**

***(ii) Lucrum Cessans***

In-natura ta' danni *lucrum cessans* temergi mill-artikolu 1045(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jistipula:

> ***Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.***

Ghaldaqstant, jinkombi fuq il-Qorti illi tezamina jekk l-attur pprovax b'mod sodisfjacenti illi l-attur sofra xi tip ta' inkapacita' permanenti.

Il-Qorti tippreciza illi x-xhieda tal-*chiropractor* Stephen P. Zammit fir-rigward tal-**grad ta' debilita'** permanenti li seta' sofra l-attur ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni u 'l ghaliex: (i) Zammit stess jiddikjara illi huwa ma kienx tabib (ii) ammetti li ma kienx kompetenti biex jikkwantifika d-dizabilita' u (iii) ma kienx espert nominat mill-Qorti f'kawza u kien mahtur il-Konsulent Mr. Charles Griscti bhala espert tal-Qorti sabiex jirrelata proprju fuq dan il-punt.

L-intimati da parti taghhom ressqu x-xhieda u l-konkluzzjoni tal-konsulent *ex parte* Mr Frederick Zammit Maempel. L-istess konsulent ddepona *in extenso* dwar id-debilita' permanenti o meno ta' l-attur wara li dan invistah. Minkejja dan, l-Qorti kif diversament preseduta kienet hatret espert taghha cioe' l-Konsulent Mr Charles Griscti sabiex jirrelata proprju fuq dan il-punt.

Filwaqt illi Mr Frederick Zammit Maempel jikkonkludi illi l-attur ma sofra ebda dizabilita' permanenti, l-espert tal-Qorti l-konsulent Mr Charles Griscti jikkonkludi illi l-attur sofra dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%).

Din il-Qorti waqt illi apprezzat u hadet konjizzjoni tax-xhieda akkurata tal-kirurgu Mr. Fredrick Zammit Maempel, espert ex parte tas-socjeta'intimata, u dik tal-kirurgu Griscti nominat mill-Qorti, tgharaf illi s-sitwazzjoni medika tal-attur, ma gietx meghjuna minn dan l-incident, izda jirrizulta, illi dan l-incident aggrava l-kondizzjoni pre-ezistenti ta' Psaila u cioe' l-artrite tal-*cervical vertibrae* C5, C6 u C7 u d-digenerazzjoni tad-*discs* bejn dawn l-irkiekel.

Il-Qorti waqt illi taprezza il-mod preciz u akkurat illi biha ta it-testimonjanza tieghu Mr. Fredrick Zammit Maempel, tqis illi **fil-kaz partikolari ta' *whiplash*** il-fatt illi ma hemmx provi xjentifiki permezz ta' *x-rays* jew *scans* illi juru **b'mod preciz l-effetti tat-trawma u d-disabilita**', ma jfissirx **neccessarjament** illi dawn ma sehhewx, aktar u aktar fl-isfond tal-kondizzjoni pre eziztenti fuq indikata. Certament wiehed jista' jikkonkludi illi it-trauma tal-impatt u l-konsegwenti *whiplash* ma kienx ta' beneficcju ghall-attur, u l-*pre-existing condition* tieghu necessarjament aggravat ruhha, bhala konsegwenza ta' dan l-impatt.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ser tistrieh fuq id-dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%) misjuba mill-Perit nominat mill-Qorti.

Fiz-zmien ta' l-incident, l-attur kien *check-in clerk* ma' l-Airmalta. Kif jiddikjara fl-affidavit tieghu, l-attur ha hamest ijiem *sick-leave* wara l-incident, u sussegwentement baqa' jmur ghax-xoghol b'mod regolari. L-attur jiddikjara wkoll illi peress li x-xoghol tieghu kien jirrekjedi sieghat twal bil-qieghda kif ukoll tqandil ta' bagalji, hu ddecieda li jaccetta li jitlaq mix-xoghol taht skema ta' irtirar kmieni li kienet harget dak iz-zmien. Permezz ta' din l-iskema, l-attur ha somma ta' Lm10,500 jew ahjar € 24,458.42.

Jirrizulta ghalhekk illi kienet l-ghazla tal-attur li jtemm l-impieg tieghu, bhal hafna ohrajn taht din l-iskema. Jirrizulta illi huwa telaq fiz-zmien meta harget din l-iskema u mhux qabel. Jirrizulta wkoll illi *fl-istaff performance appraisal* li sar wara l-incident, imkien ma ssemma mill-attur il-fatt illi huwa kien qed ibaghti fuq xoghlu minhabba dan l-incident jew il-fatt illi kellu jitlaq u/jew jirtira minhabba d-debilita' permanenti tieghu kagjonati minn dan l-incident, vide xhieda ta' Rita Taylor-East, *"**Fl-istaff Appraisal Report ma kien hemm ebda rimarki dwar xi korrimenti jew xi kummenti dwar jekk l-attur seta' jew ma setax ikompli fuq ix-xoghol tieghu".***

Il-Qorti tikkonkludi ghalhekk illi l-attur ghazel li jittermina l-impieg tieghu fid-dawl ta' l-iskema ta' irtirar kmieni.

Dwar il-punt imqajjem fl-affidavit ta' l-attur li ghadu sal-gurnata tal-lum minghajr impjieg u l-opportunitajiet tax-xoghol tnaqqsu minhabba l-incident de quo, dan ukoll ma giex ipprovat b'mod sodisfacenti. Hawnhekk, riferenza terga' ssir ghax-xhieda ta' Mr. Charles Griscti li jikkonferma li l-attur jista' jbiddel il-posizzjoni tar-ras kull ghoxrin (20) minuta sabiex ma

jhossx *discomfort,* u kif ukoll il-konkluzjoni ta' l-istess espert li qal li l-aggravazzjoni tal-kundizzjoni ta' l-attur, ma kienitx sejra taffetwa l-impjieg tal-attur, **u zgur ma kienitx ser timpedih milli jkompli jahdem.**

Illi pero', kif stabbilit fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Muscat vs Ludvic Camilleri*** (Citazz. Nru. 1086/2011LFS, deciza fis-16 ta' Ottubru 2012), meta jigi stabbilit inkapacita' permanenti, jinholoq **obbligu** fuq il-Qorti li:

> ***"tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita', it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia lucrum cessans, li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjat."***

***Introjtu:***

L-attur kellu impieg b' introjtu (bl-*allowances* u *overtime*) ta' LM 7,800 jew ahjar €18,169.11. Assumendo illi l-*allowances* u l-*overtime* kienu jvarjaw, sar aggustament ghas-somma ta' € 17,500 sabiex jibbalancja ghal *allowances* jew *overtime* li jista' jaghti l-kaz li ma kienx jippercepixxi dejjem.

***Multiplier:***

Il-*multiplier*, hekk kif stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, huwa fattur diskrezzjonali. Fil-fatt il-*multiplier* li jigi adoperat mill-Qrati jvarja, hekk kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijet ***George Spiteri vs Raymond Fava*** (Citazz. Nru. 484/2008LFS):

> *"kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena* ***Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004****, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena* ***Butler vs Heard App Civ Sup 22-Dec-1967****, 15-il sena fuq persuna ta' 24* ***Gauci vs Xuereb PA 29-Ott-1970****, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena* ***Camilleri vs Polidano PA 1-Ott-1982****, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42* ***Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999****, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena* ***Bugeja vs Agius App Civ Sup 26-Lul-1991****,*

> *ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo App Civ Sup 5-Frar-1980**, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri App Civ Sup 27-Feb-2004**, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat PA 29-Ott-1998**, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius App Civ Sup 28-Nov- 2003**, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza PA 30-Gun-2004**, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra PA 20-Jan-2005**, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit App Civ Sup 3-Dic-2004**, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004**."*

Illi ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza ccitata, l-Onorabbli Qorti, fil-kawza fl-ismijiet precitati ta' ***George Spiteri vs Raymond Fava,*** uzat is-segwenti *chart:*

| **Eta' Vittma** | **Multiplier Massimu** |
|---|---|
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 36 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 – 55 | 8 |
| 56 + | 6 |

Il-Qorti rat in-nota ta' referenza tal-attur u ma jidhirlix illi ghandha tiddipartixxi mill-principji delineati fis-sentenza **Spiteri vs Fava** hawn fuq citata.

**Ghalhekk fil-kawza odjerna, il-*multiplier* ta' 6 ghandu jigi adoperat.**

Fil-kawza fl-ismijiet ***Julie Scicluna noe v Sammy Meilaq noe et noe*** (Citazz. Nru. 11/92DS, deciza fis-16 ta' Lulju 2001) l-ammont li kellu jitnaqqas bhala *lump sum* kien dak ta' 20% peress li kien ghadda zmien qasir mill-event dannuz u s-sentenza finali.

Is-segwenti kawzi ccitati fil-kawza ***Joseph Muscat vs Ludvic Camilleri***, jiggwidaw il-Qorti sabiex tasal ghal konkluzjoni dwar is-somma li ghandha titnaqqas bhala *lump sum:*

*Fil-kawza* ***Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru 1993*** *il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: "jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" –* ***Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003.*** *"*

*Fil-kawza* ***Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004*** *is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi* ***Spiteri vs Zammit Tabona App Civ Sup 16-Mar-1999*** *u* ***Caruana A vs Camilleri O App Civ Sup 27-Frar-2004****, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza* ***Galea vs Piscopo PA 3-Ott- 2003****, 5%* ***f'Scicluna vs Meilaq PA 16-Lul-2001*** *u 0% fil-kawzi* ***Turner vs Agius App Civ Sup 28-Nov-2003, Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999*** *meta ghaddew 15-il sena, f'****Zammit vs Zahra PA 20-Jan-2005*** *meta ghaddew 17-il sena, u* ***Schembri vs Caruana Kum 20-Apr-1990*** *meta ghaddew 19-il sena.*

Fid-dawl tas-suespost, jigi rilevat illi fil-kaz odjern, l-incident sehh 27 ta' April 2006, l-kawza giet intavolata f'Settembru 2007, u ghalhekk ghaddew madwar ta' seba' snin mill-intavolar tal-kawza u s-senenza finali. Il-Qorti tqis illi jkun ekwu illi l-*lump sum deduction* tkun ta' 15%.

Bid-debilita' permanenti allura ta' tlieta fil-mija (3%) b' eta' ta' 57 fid-data ta' l-incident b' multiplier ta' sitta (6), ai termini tas-sentenza precitata fl-ismijiet ***Joseph Muscat vs Ludvic Camilleri,*** u l-gurisprudenza estensiva hemm iccitata, jinholoq kumpens ta:

17,500 x 3/100 x 6 = € 3150.

Li minnha ghandha titnaqqas il-*lump sum settlement* ta' hmistax fil-mija (15%).

**Ghalhekk il-kumpens pagabbli huwa ta' elfejn ditt mija sebgha u sebghin Ewro u hamsin centezmi (€ 2,677.50).**

**Illi ghalhekk, minkejja l-fatt li l-attur ma tilifx l-impjieg tieghu rizultat ta' dan l-incident, jibqa' jissussisti l-fatt illi b'konsegwenza ta' l-incident mertu tal-kawza odjerna, l-incident li *ex admissis* sehh bir-responsabbilita' unika tal-konvenuta Anna Grech Sant, halla d-dizabbilita' ta' l-attur li ser tipperdura tul hajtu kollha, indipendentement mill-potenzjalita' tieghu li jsib impjieg iehor, u indipendentement mit-tluq volontarju ta' l-attur mill-impjieg tieghu.**

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jsisserx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u koretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonjiet raggunti mill-periti, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet attrici limitatament u tikkundanna lill-intimati ihallsu s-somma ta' erba' mija u serbgha u erbghin Ewro u wiehed u disghin centezmi (€444.91) bhala *damnum emergens* konsistenti fi spejjez inkorsi wara l-incident kif ukoll is-somma ta' elfejn sitt mija u sebgha u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€**2,677.50**) li kumplessivament jammontaw ghal tlett elef mija u tnejn u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€**3,122.41**) u essendo ammont likwidat.

*** Bl-imghax legali mid-data ta' l-istess sentenza sal-hlas effettiv, kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Diane Farrugia**
**Deputat Registratur**

**Addendum awtorizzat b'digriet tal-10 t'Ottubru 2014 ai termini tal-Artikolu 235, l-ewwel proviso, tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:**

*** **"Bl-ispejjez kontra l-intimati u"**

**Tordna** li r-rikorrenti ihallas l-ispejjez ta' din il-procedura.

**Moghti illum il-Gimgha 10 t’Ottubru 2014**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------